MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2017

Rikors Maħluf Numru: 574/16 LM

**Is-soċjetà "The General Soft Drinks Co Ltd" (C 1591) u s-soċjetà "GSD Marketing Limited" (C 3774)**

**vs.**

**John Mercieca (K.I. Nru 127558(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut **John Mercieca** fejn talab illi tiġi msejħa fil-kawża is-soċjetà 2A Co. Ltd sabiex tirrispondi hi għad-debitu allegatament dovut lis-soċjetajiet attriċi **"The General Soft Drinks Co Ltd" (C 1591) u "GSD Marketing Limited" (C 3774).**

Rat il-verbal tal-konvenut tal-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2016.

Rat ir-risposta ippreżentata fit-22 ta' Novembru, 2016 mis-soċjetajiet attriċi b'risposta għall-verbal tal-konvenut tal-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2016.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut għar-risposta ippreżentata mis-soċjetajiet attriċi ippreżentata fid-29 ta' Novembru, 2016.

Tqis illi mhuwiex ikkontestat illi l-konvenut iffirma l-ftehim tal-1 ta' April, 2013 mas-soċjetajiet attriċi bħala "the Supplier" kemm f'ismu proprju bħala "the Guarantor" u kif ukoll f'isem is-soċjetà 2A Co. Ltd bħala "the Purchaser", (minn issa 'il quddiem "il-ftehim")[1].

Tqis illi skont il-klawżola 9 tal-ftehim *"The Guarantor hereby stands surety jointly and severally with the Purchaser in respect of all obligations which are or may be assumed hereunder, or in connection herewith, by the Purchaser, including but not limited, to liability for the payment of all supplies by the Supplier to the Purchaser on credit, even if the aforesaid credit limit is exceeded".*

Tqis għalhekk illi l-konvenut daħal bħala garanti solidali mas-soċjetà 2A Co. Ltd.

Tqis ukoll illi għad illi "il-garanti hu obbligat biss iħallas meta jonqos id-debitur prinċipali, illi qabel xejn għandu jiġi eskuss fuq il-beni tiegħu" (Artikolu 1934

[1] A fol. 11.

tal-Kap. 16), "il-benefiċċju tal-eskussjoni ma jgħoddx jekk il-garanti jkun obbliga ruħu *in solidum*[2] mad-debitur" (Artikolu 1935(b) tal-Kap. 16).

Tqis illi peress illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti l-benefiċċju tal-eskussjoni ma jgħoddx, legalment mhuwiex meħtieġ illi tiġi msejħa fil-kawża s-soċjetà 2A Co. Ltd biex tirrispondi hi fl-ewwel lok għad-domandi attriċi. Lanqas huwa l-każ li għandha tiġi ordnata l-kjamata in kawża tal-imsemmija soċjetà fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex il-konvenut ikun jista' jaġixxi kontra d-debitur a tenur tal-Artikolu 1948 tal-Kap. 16. "L-istitut tal-kjamata fil-kawża ma jistax jiġi applikat, m'għandux ikun hemm rikors għalih, fil-każijiet fejn il-ġudizzju jkun diġà integru bil-preżenza fil-kawża tal-konvenut u fejn ir-responsabbiltà tal-konvenut vis-à-vis l-attur hija indubitata indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' ħaddieħor…"[3]. Ladarba f'każ ta' garanzija *in solidum* mhuwiex meħtieġ li jiġi eskuss id-debitur fuq il-beni tiegħu qabel mal-kreditur jaġixxi kontra l-garanti *in solidum*, il-ġudizzju huwa diġà integru bil-preżenza tal-konvenut waħdu u m'għandix issir is-sejħa fil-kawża tas-soċjetà debitriċi.

Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawża bil-provi tas-soċjetajiet attriċi dwar il-mertu.

Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.

---

[2] *"Jointly and severally"* fit-test Ingliż.
[3] App. Inf. 18.5.1995 fil-kawża fl-ismijiet **Farrugia vs. Fava** (Kollez. Vol: LXXIX.ii.1110).

Moqrija